**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 25 ta' Ġunju 2024**

**Kawża Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru: 201/2024JVC**

**Anjita Kolev sive Anjita Shrestha (KI 213315A) u ghal kull interess li jista' ikollu zewgha Angelko Kolev (KI 0178724A) f'isimhom u ghan-nom il-minuri Aleksij Kolev**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti premettiet u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-atturi zzewgu gewwa Malta fis-seba (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) kif jirrizulta mil-Iskrizzjoni tal-Att Taz-Zwieg li ggib in-numru 304/2022 li kopja tieghu qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument A;

2. Illi fl-Att Taz-Zwieg (Dok A) taht 'it-taghrif dwar il-Konjugi (2)' hemm indikat illi l-kunjom wara z-zwieg ta' Anjita Shrestha huwa Kolev;

3. Illi Anjita Shrestha ma kellha ebda intenzjoni li tbiddel kunjom ta' xbubitha wara z-zwieg u dan kien zball;

4. Illi kif se jirrizulta l-attrici, kemm qabel u kemm wara z-zwieg, dejjem kienet u ghadha sal-llum il-gurnata konsistement tissejjah bl-isem u l-kunjom Anjita Shrestha u mhux Anjita Kolev u filfatt hija baqghet maghrufa b'dan il-kunjom fil-hajja kwotidjana taghha, inkluz f'dokumenti ufficjali mahruga minn dipartimenti lokali, inkluz id-dipartiment ghas-servizzi socjali, dokumenti tat-taxxa, kontijiet tal-bank, assigurazzjoni privata, kuntratt tal-kera u dokumenti relatati max-xoghol u pagamenti taghha kif jidher car mid-dokumenti hawn annesse immarkati Dok B sa Dok K;

5. Illi l-karta ta' identita' ta' l-attrici turi l-kunjom Shrestha, kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat bhala Dok L;

6. Illi l-passaport ta' l-attrici turi l-kunjom Shrestha kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat bhala M;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici hija cittadina ta' Nepal (vide Dok M) , filwaqt li zewgha Angelko Kolev huwa cittadin ta' Macedonja (hawn anness u mmarkat Dok N) . Illi kif se jirrizulta d-diskrepenza bejn il-kunjom ta' l-attrici mnizzel fic-certifikat taz-zwieg ossia Kolev u l-kunjom

li l-attrici maghrufa bih u dak indikat fuq il-passaport taghha ossia Shrestha, qed jikkaguna problemi u pregudizzju serji ammistrattivi kif ukoll legali ghall-atturi u inter alia qed johloq sitwazzjoni ta' identita' doppja ghall-attrici gewwa Macedonja;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom zewgt itfal minuri, Eva Kolev li twieldet fl-14 ta' Jannar 2022 gewwa Malta, fejn qed jigi anness koppja ta'l- Att ta' Twelid immarkat bhala Dok O u Aleksij Kolev, li twieled fl-10 ta' Marzu 2023 gewwa Malta fejn qed jigi anness koppja ta'l- Att ta' Twelid immarkat bhala Dok P;

9. Illi fl-att tat-twelid tal-minuri Aleksij Kolev (vide Dok P), ommu, ossia l-attrici hija ndikata bhala Anjita Kolev; Ghar-ragunijiet 'l fuq premissi dan ghandu wkoll jigi korreggut ghal Anjita Shrestha, anke biex ikun konsistenti mal-att ta' twelid ta' ohtu Eva Kolev;

10. Illi l-atturi jiddikjaraw illi jafu b'dawn il-fatti personalment;

11. Illi l-atturi jixtiequ li l-posizzjoni taghhom tigi regolarizzata u li jigu effetwati ttibdiliet necessarji sabiex l-att taz-zwieg taghhom (Dok A) jirrefletti l-isem u l-kunjom tal-attrici bhala Anjita Shrestha u sabiex l-istess isem u l-kunjom jigi riflettat bhala l-omm ta' l-iben il-minuri Aleksij Kolev fil-att ta' twelid (Dok P);

12. Illi l-ligi tttihom din il-fakolta' a tenur tal-Artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili (Kap 16)

Ghalhekk l-atturi jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti, a tenur tal-Artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili ta' Malta, u prevja li jinghataw dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li huma necessarji u/jew opportuni, kompriz li tordna li jsiru l-

publikazzjonijiet u avvizi kontemplati fl-Artikolu 254 tal-Kodici Civili:

1. Tordna illi ai termini tal-Art. 253 et seq tal-Kodici Ċivili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta] u tirrikonoxxi illi hemm il-htiega li jsir tibdil fl-att taz-zwieg tal-atturi bin-numru 304/2022 fis-sens illi l-attrici tigi registrata bil-kunjom Shrestha wara z-zwieg minflok Kolev;

2. Tordna illi ai termini tal-Art. 253 et seq tal-Kodici Ċivili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta] u tirrikonoxxi illi hemm il-htiega li jsir tibdil fl-att ta' twelid tal-minuri Aleksij Kolev fis-sens illi ommhom tigi registrata bhala Anjita Shrestha minflok Anjita Kolev;

3. Tordna u tiddikjara illi l-kunjom Shrestha huwa l-kunjom ir-rikorrenti l-attrici u li minn dejjem u konsistement uzat ghaliha u ghandha tkun maghrufa bih;

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl- fl-att ta' zwieg ta' l-atturi li għandu in-numru ta' 304/2022 u fl-att ta' twelid ta' Aleksij Kolev u ta' Eva Kolev isiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonni appositi illi kunjom l-attrici huwa Shrestha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat. Mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti:

    a. Skont l-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv **<u>304/2022</u>** (anness bħala Dok. A mar-rikors promotur), l-atturi żżewġu ġewwa Malta nhar is-7 ta' Marzu 2022 u skont l-Att taż-Żwieġ huma għażlu li jieħdu kunjom ir-raġel ossia 'KOLEV' u li tali kunjom sejjer ikun l-isem tal-familja. Konsegwentament it-tfal futuri tagħhom jassumu l-kunjom 'KOLEV'. Illi dan kollu huwa skont dak li ddikjaraw il-konjuġi stess qabel iż-żwieġ, liema dikjarazzjoni tirriżulta ukoll fuq l-applikazzjoni tat-tnidijiet taż-żwieġ magħmula ai termini tal-Artikolu 7(4) tal-Kap. 255 (ara dok **<u>DRP 1</u>** anness mar-rikors promotur). Minn dan isegwi li żgur ma jistax jingħad li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ħa xi żball meta ġie reġistrat l-Att taż-Żwieġ;

    b. Konsegwentament fl-Atti tat-Twelid tal-Minuri 'Aleksij' u 'Eva' b'numru **<u>1613/2023</u>** u **<u>412/2022</u>**, kunjom l-attriċi ġie indikat bħala 'KOLEV', kopja tal-Atti annessi u mmarkati bħala **<u>Dok. DRP 1</u>** u **<u>Dok. DRP 2</u>** rispettivament mar-rikors promotur;

4. Illi r-rikorrenti tisħaq illi hija qatt ma wżat il-kunjom ta' żewgha 'KOLEV', iżda tagħha xebba 'SHRESTHA' u kien biss bi żball di parti tagħha illi ddikjaraw illi hija sejra tieħu l-kunjom ta' żewgha;

5. Illi l-esponent jirrileva illi hemm żball fl-ewwel premessa stante illi l-Att taż-Żwieġ tal-atturi għandu numru progressiv 304/2022 u mhux 73/2022 kif hemm indikat;

6. Illi rigward it-talbiet, l-esponent jirrimetti ruħu salv illi l-provi kollha miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u salv illi:

   - Speċifikament dwar **l-ewwel u r-raba' talba** għandha ssir korrezzjoni rigward in-numru progressiv tal-Att taż-Żwieġ kif eċċepit fl-eċċezzjoni preċedenti;

   - Rigward **it-tieni talba u r-raba' talba** rigwardanti l-korrezzjoni fuq l-Att tat-Twelid tal-Minuri, tali Atti għandhom jiġu speċifikati skont in-numru progressiv u s-sena tagħhom;

   - In oltre, jiġi rilevat illi fuq l-Att tat-Twelid 412/2022 tal-minuri 'Eva' kunjom l-omm huwa indikat bħala 'Kolev' u mhux 'Shrestha'. Għalhekk għandha ssir korrezzjoni fit-tiena talba sabiex, kemm – il darba t-tibdil rikjest sejjer jintlaqa', dan ikun estiż ukoll għal-Att tat-Twelid tal-minuri Eva;

7. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-

rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **<u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;</u>**

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 34 tal-proċess.

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' April 2024 ir-rikorrenti talbet korrezzjonijiet fir-rikors ġuramentat sabiex permezz tal-istess ġiet sorvolata s-sitt eċċezzjoni tad-Direttur intimat.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat illi effettivament tevidenzja illi anke wara ż-żwieġ ir-rikorrenti baqgħat tuża l-kunjom Shrestha u mhux il-kunjom tar-raġel Kolev.

Rat ukoll l-ħames affidavits fl-atti kemm tar-rikorrenti, kif ukoll ta' familjari oħra tar-rikorrenti li lkoll jikkonfermaw illi r-rikorrenti baqgħet tuża l-kunjom Shrestha anke wara illi żżewġet. Fhemet ukoll minn dawn l-affidavits il-problemi li qegħda tiltaqa'

magħhom ir-rikorrenti in vista li fuq id-dokumenti tagħha jidher kunjom ir-raġel Kolev u mhux il-kunjom Shrestha.

Illi in vista ta' dan kollu l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad ir-rimanenti eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u ai termini tal-Art. 253 et seq tal-Kodici Ċivili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta] tordna u tirrikonoxxi illi hemm il-htiega li jsir tibdil fl-att taz-żwieġ tar-rikorrenti bin-numru 304/2022 fis-sens illi r-rikorrenti tiġi reġistrata bil-kunjom Shrestha wara ż-żwieġ minflok Kolev;

3. Tilqa' it-tieni talba u ai termini tal-Art. 253 et seq tal-Kodici Ċivili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta] tordna u tirrikonoxxi illi hemm il-htiega li jsir tibdil fl-att ta' twelid tal-minuri Aleksij Kolev bin-numru 1613/2023 u fl-att tat-twelid ta' Eva Kolev bin-numru 412/2022 fis-sens illi ommhom tigi registrata bhala Anjita Shrestha minflok Anjita Kolev;

4. Tilqa' it-tielet talba kif dedotta;

5. Tilqa' r-raba' talba u tordna illi l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fl-att ta' zwieg tal-atturi li għandu in-numru ta'

304/2022 u fl-att ta' twelid ta' Aleksij Kolev u ta' Eva Kolev isiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonni appositi kunjom l-attrici jigi ndikat bhala Shrestha.

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Ġunju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**25 ta' Ġunju 2024**